It-tieni wieħed mix-xjuħ tal-Kittieba tal-Malti, li l-lum ma baqax ħlief it-tifkira għażiża tiegħu, u li ħadem għall-Malti qabel ma nħolqot il-Għaqda, u ssieħeb fit-twaqqif ta' l-ewwel ġebla tagħha kien Ġanni Vassallo, l-Awtur tal-Muftieħ tal-Kitba Maltija (1901) u li fuq ir-reguli fonetiċi tiegħu nbnew dawk ta' l-Ortografija tal-Għaqda. Ismijiet oħra ta' dawk li l-lum għabu u li kienn ngħaqdu fl-ewwel ħidma tal-Għaqda huma dawk ta' Pawlu Bellanti u ta' Mons. Dun Pawl Galea, u warajhom imbagħad, dawk ta' Sir Temi Zammit, Ġużè Micallef, Ċensu Mifsud Bonnici u Rikard Mifsud Bonnici li tagħhom baqgħalna l-isbaħ xbieha ta' ħbieb il-Malti u ħbieb il-Għaqda. Kulħadd għadu jiftakar il-ħidma ta' Dun Pawl (kif dlonk konna nafuh bħala kittieb) li flimkien ma' Ġużè Muscat Azzopardi fil-ħolqien u fl-istampa tal-"Habib" kien fetaħ it-triq tal-ġurnaliżmu letterarju tal-Malti fil-bidu tas-Seklu Għoxrin, u xegħel, fost il-ftit kittieba tajbin tal-Malti, il-ħrara li titwaqqaf ortografija waħda tal-Malti wara l-istedina, fl-istampa, tas-Sur Franġisku Saver Caruana, l-ewwel Segretarju tal-Għaqda, li kien ġabar lill-kittieba tal-Malti f'laqgħa li saret fl-14 ta' Novembru, 1920, fid-Dar ta' l-U.C.S.G., laqgħa li minnha dak in-nhar stess inħolqot "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

Dun Pawl hu l-aħħar wieħed fost il-kittieba xjuħ li ħalliena, iżda qabel ma għalaq għajnejh kellu x-xorti li jitgħaxxaq bil-frott tal-ħidma tiegħu li bil-ħaqq kollu kienet magħrufa u mwettqa bil-Premju Muscat Azzopardi li bih il-Kummissjoni żejnitlu ismu.

Jekk inqallbu fl-ewwel faċċati ta' "Il-Malti" u nissoktaw għas-snin ta' wara, insibu li l-biċċa l-kbira ta' dawn li semmejna kienu ħadu l-akbar sehem fil-kitba ta' din ir-rivista b'kontribuzzjonijiet letterarji, tekniċi, dissertatorji, istruttivi, storiċi u narrativi. Il-lum għandna x-xorti li fostna għad għandna xi ftit minn sħabhom li għadhom mimlijin bil-għomor u għalkemm imgħobbijin bis-snin għadhom jaħdmu għall-Malti; fosthom ta' min isemmi lil Dun Karm, id-Dekan tal-Kittieba tal-Malti u l-Poeta Nazzjonali tagħna.

Sew il-ħidma ta' dawk li ħallewna kemm ta' dawk li għadhom fostna bħala l-ewwel membri organizzaturi tal-Għaqda serviet tajjeb biex f'dawn l-aħħar tletin sena nisslet il-ħrara u ħeġġet il-qlub tal-ġenerazzjoni l-ġdida għall-kitba letterarja Maltija b'mod li maż-żmien nibtu, bħala fergħat, xirkiet oħra tal-Mati li jistgħu bil-jedd kollu jissejħu wlied il-Għaqda tal-Kittieba tal-



Malti, — li mill-banda l-oħra, bil-ħidma tagħhom bħala demm ġdid ta' kittieba ġodda — għad jagħtu lill-Malta dik il-qawwa spiritwali li biha l-Malti jibqa' jgħix ħajja ta' riżq li ma tmut qatt.

Quddiem l-isem ta' dawk li kellhom sehem kbir fil-bini tal-Għaqda, u li m'għadhomx magħna, aħna l-lum inbaxxu rasna bħala sinjal ta' qima kbira, qima li l-lum tistħoqqilhom iżjed minn meta kienu fostna, għax iktar ma jgħaddi ż-żmien, iżjed qed jidher il-frott ta' l-ewwel xogħol tagħhom; u quddiem dawk li kienu sħabhom fil-bini ewlieni tal-Għaqda, u li l-lum għadhom fostna, aħna nersqu lejhom bħala segwaċi tagħhom fil-ħsieb u fl-imħabba għall-Malti (biex ma ngħidx bħala wliedhom), għax wara ż-żmien li għadda minn fuqna bħala membri tal-Għaqda aħna qegħdin ukoll nixjieħu magħhom; neħdulhom b'idejhom u nifirħulhom ta' dik il-ħidma li l-lum qiegħda u tibqa' tixgħel fil-qalb ta' kull membru tal-Għaqda.

## MULTUM IN PARVO

Min jistmerr il-poeżija, ma jistax ikollu wisq qima lejh nnifsu, jew lejn xi ħaġ'oħra. Il-poeżija mhix xi don fieragħ (bħalma xi wħud jidhrilhom), id-daqsxejn ta' pjaċir ta' xi qarrejja li m'għandhomx x'jagħmlu; hija kienet dejjem l-istudju u l-hena tal-bnedmin fiż-żminijiet kollha. Bosta nies jaħsbu illi l-poeżija hija xi ħaġa li tinsab biss fil-kotba, ġewwa versi ta' għaxar sillabi mqabblin f'tarf il-vers; iżda kull fejn hemm sens ta' sbuħija, jew setgħa, jew armonija, kif fiċ-ċaqliq tal-mewġa tal-baħar, fil-ftuħ ta' warda li "xxerred il-weraq ħelu tagħha fl-arja, u toffri s-sbuħija tagħha lix-xemx"—hemm hemm il-poeżija fit-twelid tagħha.

— **William Hazlitt.**

Il-bniedem iqis għemilu, iżda Alla jiżinlu fehemtu.

— **Thomas à Kempis.**

La taħsebx wisq iżjed fuq dak li m'għandewx milli fuq dak li għandek; iżda minn dawk il-ħwejjeġ li għandek agħżel l-aħjar, u mbagħad oqgħod aħseb kemm kont tixtieqhom li kieku ma kinux għandek.

— **Marcus Aurelius.**